MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2009

Numru. 205/2009

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Peter Joseph Hartshorne, iben Alan Parker, imwieled fir-Renju Unit fit-28 ta' Settembru, 1964

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Novembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta jew ftiehem li jagħti jew joffri jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Matthew Camilleri, 'player' ta' Msida St. Joseph Football Club, biex iħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' 'Players',

ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur ta' l-istess Att.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' erba' xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------